# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 40

**It-Tnejn, 27 ta' Settembru 2021**

Il-Laqgħa numru 40 saret b'mod virtwali fit-27 ta' Settembru 2021.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier (skuża ruħu mil-laqgħa fis-6:51pm) |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Leanne Deguara | Assistent Uffiċċjal Prinċipali |
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 40.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

Matul il-laqgħa ġejna infurmati b'ittra t'apoloġija mingħand Courtney Farrugia.

**40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**40.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tas-37 laqgħa, tat-38 laqgħa u tad-39 laqgħa ġew approvati unanimament.

## 40.2.2 Korrezzjonijiet

**40.2.2.1** – Minuti 37.6.3 - il-kelma "wra" issir "wara"
**40.2.2.2** – Minuti 37.6.5 - il-kelma "kinux" issir "kienux"
**40.2.2.3** - Minuta 37.6.5 - il-kelma "għal da nil-għan" issir "għal dan il-għan"
**40.2.2.4** – Minuta 37.6.7 - il-kelma "sezzjoni" issir "sessjoni"
**40.2.2.5** - Minuta 37.6.7 - il-kelma "duskussjoni" issir "diskussjoni"
**40.2.2.6** - Minuta 37.6.8 - il-kelma "parkn" issir "parking"
**40.2.2.7** – Minuta 37.7.1 – il-kelma "duq" issir "fuq"

**40.2.2.8** – Minuta 38.6.1 – il-kelma "g]ad" issir "għad"
**40.2.2.9** – Minuta 38.6.2 – il-kelma "g]all" issir "għall"
**40.2.2.10** – Minuta 38.6.2 – l-isem "Rommina" isir "Romina"

**40.2.2.11** – Minuta 39 - fl-ewwel paragrafu, il-kelma "mb'mod" issir "b'mod"
**40.2.2.12** – Minuta 39.1 – l-artiklu "l-" ġie inkluż quddiem il-kelma
*Audited Financial Adjustments*.

## 40.3 Punti mqajjma mill-minuti

**40.3.1** Minuta 37.3.1 - Is-Sindku informa lill-membri li ser issir laqgħa mal-*Community Police* fit-30 ta' Settembru 2021 fis-3:30pm ġewwa l-bini tal-Kunsill fejn fl-istess laqgħa għandu jkun preżenti l-uffiċċjal li jmexxi l-gwardjani lokali.

**40.3.2** Minuta 37.3.2 – Is-Sindku informa lill-membri li ċitazzjonijiet sal-1 ta' Settembru 2021 żdiedu għal-137 ċitazzjoni minn 93 ċitazzjoni. Dawn iċ-ċitazzjonijiet huma kollha relatati mal-iskart li qed jintefa' barra b'mod illegali. Is-Sindku nforma l-membri li dan is-servizz ma kienx ser ikun attiv għalissa minħabba impenji oħra li l-gwardjani għandhom minħabba l-bidu tas-sena tal-iskola skolastika.

**40.3.3** Minuta 37.3.4 - Is-Sindku kkomunika mal-membri rigward l-inċident li sar fi żmien il-festa fi Triq il-Kbira San Ġużepp, fejn s'issa l-Kunsill Lokali ma irċieva l-ebda korrispondenza uffiċċjali mill-Qorti.

**40.3.4** Minuti 37.3.5 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill Lokali ma rċieva l-ebda komunikat dwar il-ġemellaġġ.

**40.3.5** Minuti 37.3.6 - Is-Sindku informa lill-membri li l-attività dwar *Car Free Day / Santa Venera in Concert* kienet waħda ta'suċċess u kif ukoll inġabret somma b'risq l-ALS.

**40.3.6** Minuti 37.4.3 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Perit tal-Kunsill, waqt il-laqgħa pubblika li seħħet fil-15 ta' Settembru fis-6:00pm ġewwa l-Kumpless t'Umberto Calosso, irrimarka li Pjazza Franka ser ikollha iktar ftuħ milli kellha fl-ewwel pjan. Irrimarka ukoll li l-għoli ġie emendat b'2 filati u il-proġett ser ikun *low maintenance.* Rigward parking ser jinżamm kif inhu preżenti.

Relatat mal-proġett Pjazza Franka, is-Sindku informa lil membri rigward Minuti 37.6.2. b'korrispondenza li irċieva il-Kunsill Lokali bit-titlu *Better Environment* fejn hemm allokati €5M sabiex isiru proġetti speċifikament biex jitjieb l-ambjent ta' madwarna – issuġġerixxa li issir laqgħa mal-kumpanija.

**40.3.7** Minuti 37.5.1 Dott. Carabott talab jekk kienx hemm iktar kommunikat rigward iż-żona ta' żvilupp ta' uffiċini ta' operat li huma relatati mat-tifi tan-nar flimkien mal-istazzjon tat-tifi tan-nar li ser isir fi Triq il-Kanun. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li l-Perit tal-Kunsill għad irrid jinfurmah b'iktar dettalji.

**40.3.8** Minuti 37.6.3 Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm żviluppi m'Aġenzija Żgħażagħ sabiex jaraw jekk il-*Health Checks* jistgħux isiru minn hemm ġew. Il-membri ġew infurmati li sa issa ma kienx hemm komunikat.

**40.3.9** Minuti 37.6.7 Is-Sindku informa lill-membri li is-sessjoni taz-*Zumba* ser issir fl-4 t'Ottubru 2021. Is-Sindku talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jispjega l-organizzazjoni tal-attività.

Is-Sur Kursten Dimech informa l-membri li t-*tournament* tal-Boċċi ġie kkanċellat peress li l-Kunsill ma irciviex applikazzjonijiet.

**40.3.10** Minuti 38.6.3 Is-Sindku irrimarka li l-Kunsill irċieva żewġ applikazzjoni għal-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv. Fejn wara li ġew diskussa l-applikazzjonijiet il-Membri b'mod unanimu qablu li ma kienux eliġibbli għal din il-pożizzjoni.

Wara diskussjoni l-membri kollha qablu li għandha tissejjaħ sejħa oħra għall-Segretarju Eżekuttiv. Apparti li tinħareġ is-sejħa fuq 4 gazzetti, il-membri issuġġerew li s-sejħa għandha tiġi pubblikata ukoll fuq Keepmeposted, Facebook, Jobsplus u Maltapark.

## 40.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**40.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-Regjun Centru b'*totem posts* sabiex isiru tabelli li jindikaw lir-residenti fejn jista' jsir mixi u *cycling* madwar il-lokalita' ta' Santa Venera. Din l-iskema ser tkun iffinanzjata kollha mir-Reġjun. Wara diskussjoni il-membri qablu li wieħed irid jaraw fejn dawn it-tabelli jistgħu jiġu nstallati.

**40.4.2** Is-Sindku ikkomunika fuq it-tender tal-latrina ta' Ġnien Romeo Romano fejn l-*bill of quantities* li pprepara il-Perit juru li l-ispiża tlaħħaq il-€85k.

**40.4.3** Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill infurmah ukoll li l-*bill of quantities* biex isir ir-restawr tal-funtana li hemm fil-ġnien Romeo Romano, meta tidhol minn Triq Misraħ il-Barrieri, jammonta għal madwar €25k u għaldaqstant jista jiskatta ukoll il-proċess tat-tender.

**40.4.4** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mir-Reġjun Ċentru li ser ikunu ingaġġati uffiċjali fil-komunita' *Steward for cats*. Il-Kunsill ser ikollu uffiċċjal wieħed assenjat.

**40.4.5** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva notifika mill-Qorti dwar il-mandat ta' sekwestru li hemm fuq il-kumpanija ta' Linda Renda li qed tieħu ħsieb il-proġett tal-Palazz l-Aħmar. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jgħaddi l-ħlas li jammonta għal €7.8k lill-Avukat ħalli dan l-ammont ikun depożitat il-Qorti.

**40.4.6** Is-Sindku informa lill-membri li din is-sena l-*Fun Run* tal-President ser issir fl-14 ta' Novemvru li jaħbat ukoll Jum Santa Venera. Mill-uffiċċju tal-President talbu r-rotta li tixtieq tipparteċipa biha din il-lokalita. Is-Sindku qal li l-Kunsill ippreżenta ir-rotta li tintuża meta toħroġ il-vara ta' Santa Venera iżda min-naħa tal-AKL infurmawna li din ma tistax tkun itwal minn 20 minuta u għaldaqstatn kellha titqassar.

**40.4.7** Is-Sindku informa lill-membri li saret rappreżentazzjoni lill-Awtorita tal-Ippjanar fuq il-permess PA/0465/21 li jirrigwarda fuq il-ħanut Mille Profumi ta' Triq il-Kanun.

**40.4.8** Is-Sindku informa lill-membri li wara dawk il-laqgħat li saru mal-Pulizija, is-Supretindent aċċetta l-proposta tal-Kunsill fejn issa r-residenti li jabitaw fit-Trejqa tal-Fleur de Lys u fit-toroq tal-madwar ser ikollhom aċċess billi jipreżentaw il-karta tal-identita' taghhom u b'hekk meta Triq tkun magħluqa minħabba l-iskola jkunu jistgħu xorta waħda jidħlu u joħorġu minn darhom.

## 40.5 Rapporti / Korrispondenza

**40.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mingħand is-Sinjura Davinia Magri sabiex isiru tabelli sabiex il-klijenti jkunu jistgħu jsibu l-ħanut b'mod aktar faċli. Wara diskussjoni il-membri qablu sabiex issir applikazzjoni lil TM b'din it-talba u l-Kunsill jitolb għall-qisien tat-tabelli li jixtiequ jwaħħlu.

**40.5.2** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza sabiex ikun nominat Ħaddiema tas-sena. Liema korrispondenza ntbgħatet lill-membri għall-kunsiderazzjoni.

**40.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-AKL bghatu korrispondenza sabiex bejn t-29 u t-30 ta' Settembru postijiet pubblici jinxtgħelu oranġjo sabiex tkun imħarsa l-*awareness* tal-ADHD.

**40.5.4** Is-Sindku nforma lill-membri li l-AKL u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi laħqu ftehim sabiex ikun hemm għajnuna lill-Kunsill fejn jidħol bżonn fit-toroq fil-lokalita. Is-Sindku kompla jgħid li l-kunsill ser jibda jkollu jħallas biss għall-materjal li jintuża skont il-ħsarat li jkun hemm. Wara diskussjoni il-membri qalbu unanimament u għaldaqstant kien hem qbil sabiex jiġi ffirmat l-MOU.

**40.5.5** Is-Sindku informa lill membri dwar it-*Traffic management* li kien ġie propost ta' Triq il-Kaless and Triq ix-Xarrata fejn il-Kunsill irċieva xi oġġezzjonijiet. Għaldaqstant is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill għandu:

i. jmur għall-pjan oriġinali iżda jitlob lil Transport Malta għas-suġġerimenti tagħha sabiex jinstabu soluzzjonijiet hekk kif elenkati mir-residenti
ii. Triq il-Kaless tigi *one-way* biss u Triq ix-Xarretta tibqa' kif inhi *two-way*

Wara diskussjoni l-Membri qablu sabiex il-Kunsill jitlob parir professjonali mingħand Transport Malta.

**40.5.6** Dott. Carabott staqsa fuq ittra legali li ntbgħatet lil familja partikolari. Is-Sindku rrimarka li mhu ser iħalli lil ħadd jallega affarijiet mhux vrtieri mingħajr ma jiġi sostanzjati spejalment fuq il-midja soċjali.

## 40.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 40.6.1 Programm għal Jum Santa Venera

Is-Sindku qal li jemmen li għal din is-sena jkun ippjanat avveniment żgħir sabiex ikun iccelebrat Jum Santa Venera. Dan l-aħjar li jkun filgħodu minħabba l-fatt li din is-sena Jum Santa Venera ser jaħbat il-Ħadd. Is-Sindku qal li l-uniku problema li qed jara hi li dak inhar ser ikun hemm il-Fun Run. Ghal Jum Santa Venera hemm allokati €3,500K. Il-pjan dettaljat tal-attivita' ser ikun diskuss fil-laqgħa li jmiss.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament.

### 40.6.2 Attivita' għal matul Diċembru

Is-Sindku nofrma lil membri sabiex din is-sena terġa ssir l-attivita Betlehem f'Santa Venera fi Ġnien Romeo Romano. Is-Sindku kompla billi qal li ċirkulari numru SPI/6/2021fejn f'din l-iskema il-Kunsill jista' japplika sabiex jgħamel attivita' fil-lokalita' bejn is-6 ta' Diċembru 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 90% tal-ispiża għall-attivita' sa massimu ta' €45,000 (eskluż l-VAT) Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li ma' somma mogħtija lilhom jgħatu l-kontribut tagħhom ta' 10% tas-somma globali.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimamet filwaqt li s-Sindku qal ukoll li aktar informazzjoni dwat din l-attivita' ser tingħata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 40.7 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

**40.7.1** Is-Sur Kursten Dimech ressaq il-ħsibijiet tiegħu fuq kif qed jitqassam l-ikel għall-*Cat Feeders,* relatat ma *L.C. Care Project* 2020/2021. L-Assistent Uffiċjal Prinċipali wieġbet għall-mistoqsijiet tas-Sur Kursten Dimech u ġie miftiehem li l-lista tal-*Cat Feeders* tintbagħat lis-Sindku, lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv u lis-Sur Kursten Dimech sabiex jiġi ssuġġerit kif l-ikel jista' jitqassam lill-*Cat Feeders*.

## 40.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kumitati jew sotto kumitati.

## 40.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti u Petty Cash ġew diskussa u approvati.

Skeda ta' pagament: Proponent: Is-Sur Joe Vella u Sekondant: Is-Sur Kursten Dimech

## 40.10 Ilmenti

**40.10.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 710 sa 783.

| | |
|---|---|
| 720 | Contracts Manager |
| 728 | Cleansing and Maintenance Division |
| 731 | Contracts Manager |
| 734 | L-Avukat tal-Kunsill |
| 745 | Contracts Manager |
| 749 | Xoghol twettaq |
| 756 | No objection ghat-talba |
| 762 | Works Orders |
| 773 | Works Order - B.Grima & Sons Ltd. |
| 779 | *No Objection* ghat-talba |
| 781 | Contracts Manager |
| 783 | Contracts Manager |
| 710 | Works Order - B.Grima & Sons Ltd. |

## 40.10 Ilmenti oħra minn laqgħat preċedenti

| | |
|---|---|
| 584 | Issir Motorcycle Bay |
| 591 | Ma kienx hemm qbil dwar dan |
| 593 | Jerġa jiġi riferut lil Contracts Manager |
| 658 | Ma kienx hemm qbil dwar dan |
| 676 | Jerġa jiġi riferut lil Contracts Manager |
| 712 | Ġaladarba hemm kollox skont il-liġi jibqa' kollox kif inhu |

## 40.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**40.11.1** Is-Sur Joe Vella staqsa lis-Sindku numru ta' mistoqsijiet liema tweġibiet huma annessi mal-Minuti u mmniżżlin bħala Dok 'A'.

## 40.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.42pm u ġiet aġġornata għall-25 ta' Ottubru 2021, fis-6.30pm.

Stephen Sultana  
Sindku

Michael Mifsud  
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum 25 t'Ottubru, 2021